



SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE

~SFOND~

President tal-Kunsill Ewropew

Novembru 2009

Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-funzjoni ta' President tal-Kunsill Ewropew hi waħda full-time u stabbli. Fil-laqgħa informali tagħhom fi Brussell tad-19 ta' Novembru, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE qablu dwar l-elezzjoni tas-Sur Herman VAN ROMPUY bħala l-President elett.

X'inhuma d-doveri tiegħu?

Skont l-Artikolu 15 (6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President tal-Kunsill:

- għandu jippresjedi u jmexxi 'l quddiem il-ħidma tal-Kunsill Ewropew;
- għandu jiżgura t-tnejn u l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill Ewropew f'koperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni, u abbażi tal-ħidma tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali;
- għandu jagħmel ħiltu biex jiffaċilita l-koeżjoni u l-kunsens fil-Kunsill Ewropew;
- għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Fil-livell tiegħu u f'dik il-kapaċità, huwa jiżgura wkoll ir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Huwa ma jistax ikollu kariga nazzjonali fl-istess ħin ma' dik ta' President.

P R E S S

Kif ġie elett u għal kemm żmien?

Skont it-Trattat, il-Kunsill Ewropew jeleġġi l-President tiegħu b'maġġoranza kwalifikata għal terminu ta' sentejn u nofs, li jista' jiġġedded darba. Iżda d-deċiżjoni li jinħatar Herman VAN ROMPUY ittiedet b'unanimità mill-Istati Membri kollha. Id-deċiżjoni formali ser tittieħed ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat.

Il-Kunsill Ewropew

Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew isir istituzzjoni. Huwa jipprovdi l-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha. Huwa mhuwiex ser jeżerċita funzjonijiet leġislattivi.

Il-Kunsill Ewropew jikkonsisti mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jipparteċipa fil-ħidma tiegħu.

Il-Kunsill Ewropew jiltaqa' darbtejn kull sitt xhur, fuq sejħa mill-President tiegħu. Meta s-sitwazzjoni tkun teħtieġ, il-President isejjaħ laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew.

Arranġamenti ta' appoġġ

Il-Kunsill Ewropew hu assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (jiġifieri l-ebda amministrazzjoni ġdida).

Il-persunal tas-Segretarjat Ġenerali huwa għalhekk għad-dispożizzjoni tal-President, inklużi d-Direttorat għal kwistjonijiet politiċi ġenerali, is-Servizz Legali, id-Direttorati Ġenerali għal-linji politiċi (Ecofin, ambjent, ĠAI, eċċ.), is-servizzi tat-traduzzjoni, il-protokoll, l-uffiċċju tal-istampa, eċċ. Il-President għandu l-uffiċċju privat tiegħu stess.

Il-President għandu l-uffiċċju tiegħu, sa mill-ħatra, fil-bini Justus Lipsius tal-Kunsill. Ladarba jitlesta l-bini l-ġdid tal-Kunsill Ewropew, li huwa stmat għall-2013, suċċessivament il-President ser jinstab hemm.